**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Frank Anthony Camilleri

vs

Solar Engineering Ltd.

CCT 5G/14 MS

22 ta' Settembru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-24 ta' April 2014 fejn talab ir-rifuzjoni ta' mitejn Euro, depozitu imhallas fuq ordni ta' panelli fotovoltajici mixtrija mis-socjeta' konvenuta wara illi l-bejgh ma setax isir peress illi sar bdil unilaterali fil-kundizzjonijiet tal-bejgh.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-23 ta' Mejju 2014 fejn qalet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kien fil-fatt ir-rikorrent li ma onorax l-obbligi tieghu naxxenti mill-ftehim.

Ra l-atti tal-process.

Sema x-xhieda.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi li r-rikorrent u/jew martu ordnaw sistema ta' pannelli fotovoltajici fl-17 ta' Mettju 2013 ghall-prezz skontat ta' €4,000.00. Dan l-ammont ma kienx jinkludi l-ghotja taht skema tal-gvern ghall-ghajnuna ta' xiri ta' dawn il-pannelli. Fuq din l-ordni ir-rikorrent thallas depozitu ta' mitejn Euro fit-23 ta' Mejju 2013, u bhekk il-bilanc dovut gie €3,800 (Ara dok B).

Fis-6 ta' Lulju 2013, ir-rikorrent ircieva l-approvazzjoni minghand l-MRA ghax-xiri ta' dawn il-pannelli. Hawnhekk ir-rikorrent irejalizza ghall-ewwel darba illi l-ghotja kif indikata mill-MRA kienet differenti minn dik ikkwotata mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk kien ser ikollu jhallas aktar minn dak pattwit originarjament mas-socjeta' intimata.

Ikkunsidra

Mhuwiex kontestat illi s-socjeta' intimata ghamlet zball meta pprezentat il-kalkoli taghha lir-rikorrent. Id-dokument B jikkorobora din is-sitwazzjoni bid-diversi korrezzjonijiet illi jidhru illi saru fuqha. L-argument tas-socjeta' intimata huwa illi la thallas id-depozitu u ordnaw il-pannelli minn barra l-bejgh ma setax jigi xolt u allura r-rikorrent kellu l-obbligu li jkompli ghaddej bin-negozju. Qal ukoll illi l-pannelli huma 'made to measure' ghall-esigenzi partikolari tar-rikorrent u ghalhekk ma setax ighaddihom lill-haddiehor.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-argument. Huwa minnu illi skond il-ligi meta l-oggett ikun identifikat u l-prezz miftiehem, il-bejgh ikun legalment komplut, aktar u aktar meta jsir depozitu biex jigi sigillat il-ftehim. F'dan il-kaz dawn il-kundizzjonijiet gew originarjament sodisfatti, pero' sussegwentement irrizulta illi s-socjeta' intimata hadet zball fil-kalkoli taghha ghal dak li jirrigwarda l-ghotja tal-gvern, liema zball gie kontra l-interessi tar-rikorrent. Hawnhekk ir-rikorrent iddecieda li ma jkomplix sejjer bin-negozju u talab illi jiehu lura d-depozitu. Ghall-ewwel is-socjeta' intimata riedet tasal f'xi forma ta' arrangament, anke billi tinghata credit note ta' mitejn Euro ghal xiri ta' appliances ohra mill-hanut taghha. Dan ir-rikorrent irrifjuta u insista illi jiehu id-depozitu lura. Kien hawnhekk li s-socjeta' intimata harget bl-iskuza li l-pannelli kienu made to measure.

Minn dan jirrizulta, kwindi, illi la s-socjeta' konvenuta ghamlet zball fil-kalkoli taghha, biddlet unilateralment it-termini pattwiti originarjament mar-rikorrent bi pregudizzju ghalih, u dan kien jintitolah jirredigi lura min-negozju. Ghalkemm it-Tribunal ghandu d-dubji tieghu kemm pannelli fotovoltajici jistghu jkunu made to measure peress illi dawn jigu ta' daqs standard u hija biss l-output illi tvarja minn muddell ghall-iehor, b'danakollu anke jekk is-socjeta' intimata ghandha ragun f'dan l-argument jibqa' l-fatt pero' li l-kuncett fondamentali tal-ksur tal-kundizzjonijiet pattwiti jibqa' l-fattur principali ghaliex ir-rikorrenti kellu kull dritt jirredigi lura mill-ftehim u ghalhekk it-talba tieghu jisthoqq li tkun milqugh.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondilu s-somma ta' mitejn Euro, bl-ispejjes kontra taghha.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**